# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Novembru 2000.**

**Numru 51**

**Citaz. numru 688/87 DS**

David Thake f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Software Distribution Enterprises
vs
Michael Balzan bhala direttur u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Anti-Theft Electronic Company Limited

Illum, 2 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Settembru 1987 li permezz taghha l-attur proprio et nomine wara li ppremetta illi:

Il-konvenut nomine jinsab id-debitur tal-attur fis-somma ta' sitt mija u tmenin lira (Lm680) rappresentanti l-prezz ta' diversi "computer software/programmes casettes" mibjugha u kkonsenjati lill-istess debitur, cioe' il-konvenut nomine, mill-attur.

Billi nonostante ripetutament interpellat sabiex ihallas dan id-dejn lill-attur, il-konvenut nomine baqa' inadempjenti.

talab li din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tikkundanna lill-istess konvenut nomine sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmenin lira (Lm680), lilu dovuti kif inghad.

Bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 1987 kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi l-isem tal-kumpanija li taghha l-eccipjent huwa direttur u li hu jirraprezenta huwa Anti-Theft Electronic Company Limited u mhux kif riportat fic-citazzjoni.

2. Illi l-eccipjent nomine ordna minghand l-attur b'kemm jiswa bejn sebghin jew tmenin lira (Lm70 – Lm80) *computer software casettes* minghand l-attur, mentri dan ried jikkonsenjalu kwantita' li allegatament tiswa' kwazi ghaxar darbiet aktar.

3. Illi l-eccipjent qatt m'accetta din il-konsenja li l-attur ittanta jaghmel f'post li ma huwiex tal-eccipjent f'idejn persuna li mhux impjegata mieghu. Difatti l-eccipjent kien kostrett jiddeposita l-merkanzija taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-3 ta' Novembru 1989 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-ewwelnett jigi osservat dwar l-ewwel eccezzjoni li l-Qorti diga` ddisponiet minn tali eccezzjoni billi b'digriet tat-3 ta' Novembru 1989 giet ordnata korrezzjoni fic-citazzjoni fis-sens li fl-okkju u kull fejn tirrikorri fil-process l-isem tas-socjeta` konvenuta jigi mibdul ghal "Anti-Theft Electronic Company Limited". Dr. Victor Borg Grech ghall-konvenut nomine ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta u rrinunzja ghal kull terminu legali (a fol. 17).

Issa permezz tac-citazzjoni l-attur proprio et nomine qieghed jitlob il-hlas minghand il-konvenut nomine tas-somma ta' Lm680 bhala prezz ta' *"computer software/programmes cassettes"*. Mill-banda l-ohra l-konvenut nomine sostna fl-eccezzjonijiet tieghu u dikjarazzjoni guramentata li huwa kien ordna biss b'kemm jiswa bejn Lm70 u Lm80 f'*computer software cassettes* izda l-attur halla f'post li mhuwiex tal-kumpanija konvenuta sitta u tmenin *cassette* li jiswew Lm680. Billi hu ma accettax din il-merkanzija, iddepozitaha l-Qorti.

L-unika xiehda li nstemghet quddiem il-perit legali kienet dik ta' l-attur fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 1990. Minn dakinhar inzammu sittax-il seduta li fihom ma sar proprju xejn. Mill-verbali in atti jidher li ghal xi zmien kien hemm il-possibilita` ta' transazzjoni. Difatti nghataw diversi differimenti ghac-cessjoni. Jirrizulta inoltre li l-perit legali rritorna l-atti minghajr ma hejja rapport. Finalment fis-7 ta' April 2000 il-Qorti giet mitluba tghaddi ghas-sentenza. Fuq rikors tal-konvenut tas-17 ta' Mejju 2000 il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza sabiex il-konvenut iressaq il-provi tieghu. Fil-fatt fis-16 ta' Gunju 2000 xehed il-konvenut nomine u mill-gdid l-attur nomine.

Meta l-attur xehed quddiem il-perit legali, huwa kkonferma d-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni u pprezenta kopja ta' *invoice* datat it-28 ta' Lulju 1986 li gie mmarkat Dok. DT1. Qal li Michael Balzan kien ghamel l-ordni xi gimgha qabel ma harget l-*invoice*, u li din saret mieghu personalment fid-dar ta' ommu. Dan gara wara li l-istess Balzan kien cempillu u qallu li ried xi *software* u ghamlu appuntament id-dar t'ommu.

L-attur spjega li l-konvenut qallu li ried jixtri b'Lm1000 *computer software*. Huwa spjegalu l-prezzijiet u accetta li jaghtih b'Lm704.50 u *discount* ta' Lm24.50 b'terminu ta' xahrejn ghall-hlas. Il-konvenut talbu jehodlu x-xoghol fi Speedy Garage, San Giljan, u jhalli x-xoghol ma min isib jekk ma jkunx hemm hu.

L-attur kompla li hadlu x-xoghol fil-post imsemmi. Il-konvenut ma kienx hemm u halla x-xoghol u *invoice* ma' certu C. Balzan li ffirmalu ghax-xoghol. L-attur kien akkompanjat mill-gharusa tieghu. Xi xahar wara d-*delivery* il-konvenut kellem lil hu l-attur, l-Avukat Stephen Thake, u qallu li ma riedx ix-xoghol kollu u ried jirritorna xi xoghol lura. Ipprova jikkuntattja lill-konvenut u hallielu messaggi izda ma rnexxilux ikellmu. L-ewwel darba li rega' tkellem mal-konvenut kien fil-mori tal-kawza izda ma ntqal xejn rilevanti.

Il-konvenut xehed li mhux minnu li l-ordni saret fl-ammont allegat mill-attur izda l-ordni kienet ghal merkanzija li tammonta komplessivament ghall-prezz ta' bejn Lm70 u Lm150 u li kien avza lill-attur mill-ewwel u hadlu l-merkanzija d-dar wara jumejn. Billi l-attur ma accettax il-merkanzija lura, mar javza lill-Avukat u ddepozitaha l-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti ma jaghmel l-ebda sens li bniedem jordna b'kemm qieghed isostni l-konvenut u jsib ma' wiccu madwar ghaxar darbiet aktar xoghol. Possibbli li l-attur kien se jiehu tali riskju? L-attur difatti rribatta x-xiehda tal-konvenut billi spjega li meta l-konvenut mar ghandu biex jordna x-xoghol, daru t-titoli wahda wahda u ma seta' jkun hemm l-ebda nuqqas ta' ftehim (*"misunderstanding"*) dwar il-prezz relattiv.

Dwar il-post tal-konsenja, l-attur xehed li kien dak li ndikalu l-konvenut. Il-konvenut da parti tieghu, ghalkemm ikkontesta dan il-fatt fl-eccezzjoniiet tieghu ma gab l-ebda prova biex jissostanzja l-allegazzjoni tieghu. Eccepixxa wkoll li l-konsenja saret f'idejn persuna li ma kenitx impjegata tieghu. L-attur ipprezenta l-*invoice/delivery note* relattiv li gie ffirmat minn "C. Balzan FOR Michael Balzan". Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova fis-sens li "C. Balzan" ma kienx impjegat mieghu jew li ma kienx awtorizzat jiffirma ghalih.

Il-konvenut ighid li ddepozita l-merkanzija l-Qorti: ta' dan ma gab l-ebda prova, nonostante li sa l-ahhar seduta (dik tas-16 ta' Gunju 2000) irrizerva li jesebixxi kopja tac-cedola relattiva. Lanqas ma ttanta jiehu xi passi jew jaghmel kontrotalba ghar-rexissjoni tal-bejgh.

Ghalhekk it-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur proprio et nomine s-somma mitluba ta' Lm680 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**